**DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI**
***DEPARTMENT OF INFORMATION***
**MALTA**

# Press Release

**PR 200403** **06.03.2020**

**STQARRIJA MILL-KAMRA TAR-RAPPREŻENTANTI**

***Delegazzjoni parlamentari Maltija tipparteċipa fil-konferenza interparlamentari dwar il-PESK/PSDK***

L-MP Ivan Bartolo ħa sehem fil-Konferenza Interparlamentari għall-Politika Esterna u ta' Sigurtà Komuni u l-Politika Komuni tas-Sigurtà u d-Difiża (PESK/PSDK) li saret f'Zagreb bejn 2-4 ta' Marzu 2020 bħala parti mill-programm ta' laqgħat organizzati fil-qafas tad-dimensjoni interparlamentari tal-Presidenza Kroata tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Fil-konferenza ħadu sehem parlamentari mill-istati membri tal-UE, il-Parlament Ewropew u pajjiżi osservaturi.

Is-suġġetti diskussa matul il-konferenza inkludew l-isfidi globali għal Ewropa reżiljenti u influwenti; perspettiva Ewropea kredibbli għall-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent; u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-industrija tad-difiża Ewropea, inkluż is-sitwazzjoni fil-Libja u s-Sirja. Il-konferenza adottat konklużjonijiet li enfasizzaw li l-ambjent strateġiku estern tal-Unjoni Ewropea sar iktar kumpless u aktar ikkontestat, u għalhekk l-UE teħtieġ li tassumi rwol ta' tmexxija globali biex tiddefendi u tippromwovi b'mod attiv il-valuri u l-interessi tagħha mad-dinja kollha, b'mod partikolari dwar il-multikulturaliżmu, il-liġi internazzjonali, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem. L-ambjent tas-sigurtà attwali huwa kkaratterizzat minn assertività akbar ta' xi setgħat globali u reġjonali u allura aktar pressjoni fuq il-kooperazzjoni multilaterali. Għaldaqstant hemm bżonn urġenti għal koordinazzjoni politika u strateġika b'saħħitha u azzjoni esterna aktar magħquda u proattiva biex l-UE tkun tista' tiffaċċja d-diversi sfidi li jaffettwaw direttament jew indirettament is-sigurtà, il-valuri u l-interessi strateġiċi tagħha.

Il-laqgħa li jmiss tal-Konferenza Interparlamentari għall-PESK/PSDK ser issir fil-Ġermanja f'Settembru 2020.

**Attachments: photo** 

**3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700**
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**

DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 200403en** **06.03.2020**

**PRESS RELEASE BY THE HOUSE OF REPRESENTATIVES**

***Maltese parliamentary delegation participates in the inter-parliamentary conference for the CFSP/CSDP***

MP Ivan Bartolo took part in the Inter-Parliamentary Conference for the Common Foreign and Security Policy and the Common Security and Defence Policy (CFSP/CSDP), which took place in Zagreb from the 2nd to the 4th of March 2020 as part of the programme of meetings organised within the framework of the inter-parliamentary dimension of the Croatian Presidency of the Council of the European Union. The conference was attended by parliamentarians from the EU member states, the European Parliament and observer countries.

The topics discussed during the conference included the global challenges for a resilient and influential Europe, a credible European perspective for the Western Balkan countries, and strengthening European defence cooperation and industry, including the situation in Libya and Syria. The conference adopted conclusions which emphasised that the European Union's external strategic environment has become more complex and more contested, and therefore needs to assume a global leadership role to actively defend and promote its values and interests worldwide, notably on multiculturalism, international law, democracy and human rights. The current security environment is marked by an increased assertiveness of certain global and regional powers and more pressure on multilateral cooperation. Consequently, there is an urgent need for a strong political and strategic coordination and more united and proactive external action, for the EU to be able to face the multiple challenges that directly or indirectly affect its security, values and strategic interests.

The next meeting of the Inter-Parliamentary Conference for the CFSP/CSDP will take place in Germany in September 2020.

**Attachments: photos** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt